**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 008/2022**

17 ta' Mejju 2022

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
Rita Gatt - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius, Sindku , ippresjeda il-laqgħa

## 08.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

08.1.1 Ma kienx hemm.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

8.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 6/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

8.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

8.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

8.2.4 Il-minuti ta' seduta b'urġenza numru 7/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

8.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius issekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'hames voti favur u astensjoni wahda.

8.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**8.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

8.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet mas-Surgent tal-Community Police u l-materji li kienu gew diskussi.

8.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex kemm il-darba jkun possibbli tittella' esibizzjoni ta' vetturi antiki mill-Old Motors Club f'bacir numru 1, nhar is-27 ta' Mejju 2022.

8.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba jkun possibbli f'Gunju 2022 kienet ser tkun qieghda tittella' esibizzjoni ta' vetturi die cast gewwa Bacir Numru 1 minn numru ta' dilettanti.

8.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin diskussjonijiet bil-ghan illi tittella' esibizzjoni ta' dghajjes tradizzjonali f'bacir numru 1. Kien qieghed jigi ppjanat illi l-imsemmija esibizzjoni tittella lejn tmiem Lulju 2022.

8.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien attenda laqgha tar-Regjun Port, liema laqgha kellha l-ghan ewlieni li jigi diskuss il-progett ta' mmaniggjar ta' skart fuq livell regjonali.

8.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali u ghadda dettalji dwar l-attivita' Leggendi, li kienet ser tkun qieghda tittella' b'kollaborazzjoni bejn festivals malta u l-Kunsill Lokali matul Gunju u Lulju 2022.

**8.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

8.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat rigward il-progett ta' Grawnds Peppi Delceppo?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: " Il-kuntrattur imqabbad mix-xogholijiet wara li gew rizolti problemi li kien hemm kompla x-xogholijiet. Mhux mistenni li jkun hemm interruzzjonijiet ulterjuri".

8.4.2 Is-Sa. Melanie Agius staqsiet : "Jista' jsir railing f'parti minn Triq San Mikiel".
Is-Sindku wiegeb : "Iva u ser ikun inkluz fil-lista' tax-xogholijiet li jwettqu l-haddiema tar-Regjun Port.".

8.4.3 Il-Kunsillier James Cauchi staqsa : "Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat jekk huwiex ser jitkompla progett li permezz tieghu tyres ta' karozzi kienu qeighdin jigu konvertiti f'cat cafes?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: " Iva. Ix-xogholijiet ser jitkomplew".

**8.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

8.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru04/22) ghall-approvazzjoni.

8.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

8.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' April 2022.

8.5.4 Fuq proposta tas-Sa.Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerriu, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**8.6 Mozzjonijiet**

8.6.1 Mozzjoni numru 5/2022 (VIII)
Sur Segretarju,nixtieq nghaddi mozzjoni ghal laqgha li jmiss biex nirrestawraw il-faccata tal- kunsill

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

8.6.2 Mozzjoni numru 6/2022 (VIII)
Sur Segretarju, nixtieq nghaddi mozzjoni biex fi Triq il-Kuncizzjoni jitkomla l-hand railing.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Martin Vella ( 18:12)

8.6.3 Mozzjoni numru 7/2022 (VIII)
Sur Segretarju,nixtieq nghaddi mozzjoni ghax kellmuni xi resident biex issir sleeping police fi Triq Santa Margerita f'salib it-toroq bejn Triq Matty Grima.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

8.6.4 Mozzjoni numru 8/2022 (VIII)
Sur Segretarju,nixtieq nghaddi mozzjoni biex fi Triq l-Immakulata qabel tidhol il-mina ta' Santa Liena titpogga 'sleeping police' u ahna w tilghin minn Triq l-Inkurunazzjoni, in-naha fejn hemm l-akkwist tita' xoffa bil-konkos biex il-vetturi jduru mar-roundabout."
Il-Kunsilliera Melanie Agius ressqet proposta sabiex mill-mozzjoni minn wara l-kliem 'sleeping police', jitnehha l-kliem "u ahna w tilghin minn Triq l-Inkurunazzjoni, in-naha fejn hemm l-akkwist tita' xoffa bil-konkos biex il-vetturi jduru mar-roundabout."
Is-Sur Marco Agius issekonda l-emenda li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

Il-Mozzjoni hekk kif emendata giet issekondata mis-Sa. Melanie Agius u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Melanie Agius

8.6.5 Mozzjoni numru 9/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex f'San Gwann t'Ghuxa z-zghira bejn il-blokkijiet jitwahhal 'floodlights' u jinghata tarmak.

Is-Sindku ressaq proposta sabiex mill-mozzjoni minn wara l-kliem ‘floodlights’, jitnehha l-kliem “u jinghata t-tarmak.”
Is-Sur Johann Scerri issekonda l-emenda li ghaddiet b’votazzjoni unanima.

Il-Mozzjoni hekk kif emendata giet issekondata mis-Sa. Melanie Agius u ghaddiet b’votazzjoni unanima.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Melanie Agius

8.6.6 Mozzjoni numru 10/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex jinxtraw ‘dashcam’ minhabba min qieghed jabbuza bi hrug ta’ boroz w materjal iehor fit-toroq.

Proponent : Marco Agius
Sekondant :

Il-mozzjoni ma sabitx sekondant.

8.6.7 Mozzjoni numru 11/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex isiru tistghu jekk joghgobkom napplikaw ghal sleeping police fi Triq ix-Xatt u triq l-Immakulata kif tohrog mill-mina ta’ Santa Liena.

Proponent : Marco Agius
Sekondant :

Il-mozzjoni ma sabitx sekondant.

8.6.8 Mozzjoni numru 12/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni sabiex isir hand railing fi Triq Pietru Pawl Caruana in-naha ta hemmitt- tarag -

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b’votazzjoni unanima.

8.6.9 Mozzjoni Numru 13/2022 (VIII)
Kif kont tkellimt mas sindku l gdid taghna, Marco meta accettajt li nibqa bid dekasteru koncernat, b konsistenza wkoll mal impenn li ga kellna flimkien fil qasam tad dekasteru stess mat tmexxija tal predecessur l ex Sindku l onor. Alison Zerafa Civelli

Permezz ta din il mozzjoni qed nitolb lis Sindku Marco kif ukoll lilkom kollegi kunsilliera madwar il mejda sabiex nidhlu f fazi ohra li nitolbu wkoll li nzommu meetings mall kunsilli konfini u distrettwali halli flimkien insiru iktar mithla tal

kunsilliera responsabbli mill qasam tal annimali izda mhux biss halli b sinergija wahda nkunu maghqudin ukoll bl ideat favur is sagrificcju nobbli tal feeders kif ikoll animal lovers rispettivi.

Dan hsieb li fl opinjoni toeghi, ser jghin ukoll sabiex inkunu ahna li nixprunaw l ghaqda f sinergija wahda, b request on board maghna, s Seg Parlamentari gdid fuq id drittijiet tal istess annimali flimkien ukoll mas Seg. Parlamentari l Ono. Alison Zerafa Civelli, Kunsilli Lokali.

Jien, cert li anke kif ser nibdew nuru dan l interess dan ser ikun mezz iehor kif ser nimmotivaw ahjar lil dawk il kunsilli li dan il qasam mhux qed jaghtuh l importanza xierqa.

Fl ahhar izda mhux l inqas, kollox irid ikun ukoll suggett ukoll ghal involviment u skrutinju tal amministrazzjoni mas Segretarju Ezekuttiv li jgawdi l fiducja ta kulhadd cioe s sur Hall u mall istaff tieghu ghal daily running kif qed isir bhalissa.

Proponent: James Cauchi
Sekondant: Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

8.6.10 Mozzjoni numru 14/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex fi Triq il-Pellegrinagg kantuniera ma' Pjazza Langasa issir sleeping police.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier James Cauchi (18:45)

8.6.11 Mozzjoni numru 15/2022 (VIII)
Qed inressaq mozzjoni sabiex beltna tkun dementia friendly. Dan jinkludi li jsiru tabelli b sinjali fejn hemm il- knisja, gonna, clinic , banek , l Kunsill u anke l ghassa tal-pulizija, biex b'hekk nkunu qed nghinu lil-anzjani li jbaghtu min demetia jaghrfu aktar fejn huma postijiet li jifrekwentaw.

Proponent : Melanie Agius
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

8.6.12 Mozzjoni numru 16/2022 (VIII)

Qed inressaq mozzjoni sabiex hekk hu possibbli issir CCTV camera fejn it-Tarag tal-Inglizi minhabba l-fatt li hemm qed jigi ddumpjat skart goff u anke boroz suwed minn residenti

Proponent : Melanie Agius
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier James Cauchi (18:50)

8.6.13 Mozzjoni numru 17/2022 (VIII)
Fuq talba tar- residenti ta' San Gwann T;Ghuxa block 4a, Block 4B u l- blockijiet tl-madwar qed nibghat mozzjoni sabiex issir bozza faccata tal- parking area li hemm San Gwann t'Ghuxa. Din il- bozza tkun qed tmis man-naha ta' block 4B minhabba l-fatt li dawn hemm id-dlam fuq il- parking area.

Proponent : Melanie Agius
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Martin Vella (18:54)

8.6.14 Mozzjoni numru 18/2022 (VIII)
Wara diversi ilmenti tar-residenti li joqghodu fi Triq Polverista, nixtieq nigbed l-attenzjoni fuq il-Ballavostri li hemm precizament f'dik it-triq u nistaqsi jekk hux possibli li jinbidlu jew inkella issir il-manutenzjoni necessarja sabiex jigi eliminat il-periklu.

Proponent : Noyah Spiteri Hammett
Sekondant : Melanie Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.15 Mozzjoni numru 20/2022 (VIII)
L- ghodwa t- tajba sur Segretarju,nixtieq nghaddi mozzjoni biex in- naha ta' pjazza Sta Margerita w in-naha fejn hemm is- Santwarju tal - qtates isiru tabelli fejn qieghed il - klabb tal - bocci.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.16 Mozzjoni numru 21/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex fi Pjazza Tony Coleiro jergghu isiru dawn it-tabelli. Qieghdin isiru hafna hsarat.

Proponent : Marco
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.17 Mozzjoni numru 22/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex triq il - kampnar tissemma ghal Gulju Cauchi.Gulju Cauchi kien jaghmel il -qniepen.F' Bormla ghandna l - qampiena l - kbira tieghu w kien Bormliz.

Proponent : Marco
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.18 Mozzjoni numru 23/2022 (VIII)
Nixtieq nghaddi mozzjoni biex il-kurduna ta' Triq Santa Margerita timbidel.
Is-Sindku ressaq proposta sabiex fil-mozzjoni wara l-kliem 'kurduna ta', jizdied il-kliem "partijiet minn"
Is-Sur Johann Scerri issekonda l-emenda li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

Il-Mozzjoni hekk kif emendata giet issekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

8.6.19 Mozzjoni numru 25/2022 (VIII)
Jinbdew diskussjonijiet ma TM biex ikun hemm tal linja li tghaddi min naha ta xaghjra ta Bormla u tghaddi mill fgura kif ikun hemm mil Isla, jew li stess wahda taghmel ir rotta li semmejt hawn fuq.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.20 Mozzjoni numru 26/2022 (VIII)
Jinbdew diskussjonijiet ma TM biex tal linja destinazzjoni Birgu meta tigi mill Belt u tnizel in nies hdejn il kafe rich dawk li jkunu ghal naha ta Bormla terga tieqaf faccata fejn hemm il venda biex l anzjani ma jkollomx ghalfejn jaqsmu it triq

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.21 Mozzjoni numru 27/2022 (VIII)
Jinbdew diskussjonijiet ma dipartimenti koncernati biex fejn hemm areas li ma jaqghux taht ir responsabilita tal Kunsill (rigward tindif) fejn prattikament ma jiehu hsiebhom hadd, ninghataw fondi addizzjonali biex ikunu jistghu jigu mnaddfa min naha tal Kunsill.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Rita Gatt

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.22 Mozzjoni numru 28/2022 (VIII)
Nitolbu d-dipartiment tax-xogholijiet pubblici biex tigi rinovata bankina ta' triq 8 ta' dicembru (it telgha tax-xghajra)

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Rita Gatt

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

8.6.23 Mozzjoni numru 29/2022 (VIII)
Fuq Sur Santa Margerita hemm 5 bankijiet li ghandhom bzonn jinbidlu w jsiru 5 ohra godda.
Il-Kunsillier Martin Vella ippropona emenda sabiex minflok il-kliem "Fuq Sur Santa Margerita" jitnizzel il-kliem "Fi Triq il-Mithna".

Is-Sa Melanie Agius issekondat l-emenda li ghaddiet b'votazzjoni unanima

Is-Sa. Melanie Agius issekondat il-mozzjoni hekk kif emendata li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Melanie Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima

**8.7 Sejhiet ghall-offerti**

8.7.1 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienu ghaddejjin il-preparamenti fuq id-dokumenti sabiex hekk kif maqbul il-Kunsill Lokali ikun jista' johrog sejha ghall-offerti ghas-servizzi ta' perit u *contracts manager*.

8.7.2 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi b’konnessjoni ma’ sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghall-knis ta’ toroq, kien dahal appell qabel ma skada z-zmien stipulat li matulu l-offerenti setghu iressqu l-oggezzjonijiet taghhom. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi filwaqt li l-Kunsill Lokali kellu jimxi mal-proceduri stabbiliti rigward l-appell, kellha ssir talba lid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita’ illi ssir estensjoni tal-kuntratt ezistenti. Kemm il-darba ma tinhargix awtorizzazjoni kellhom jingabru stimi.

**8.8 Rapporti**

8.8.1 Il-Kunsillier Johanns Scerri ressaq ghad-diskussjoni attivita’ li kien qieghed jipproponi li jtella’ nhar l-1 u 2 ta’ Lulju 2022 b’konnessjoni mal-festi tal-Imnarja. Wara diskussjoni libera li matulha gie diskuss u maqbul il-kuncett. Il-Kunsillier Martin Vella sahaq illi filwaqt li kien jaqbel mal-attivita’ innifisha ma’ kienx qieghed jaqbel mal-post maghzul.

8.8.2 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienu ghaddejjin il-preparamenti bil-ghan illi tittella’ il-hames edizzjoni ta’ Cospicua Short Play Festival. Fir-rigward, nhar is-27 ta’ Mejju 2022, kien ser ikun hemm il-varar ufficjali tal-attivita’.

8.8.3 Wara li l-Kunsill Lokali gie aggornat bil-progett ta’ Grawnds Peppi Delceppo, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi concrete imprint li kellu jsir kellu jkun tal-kuluri griz u terracotta.

8.8.4 Il-Kunsilliera Melanie Agius ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar *memorandum of understanding* u inizjativi ohra b’konnessjoni ma’ inizjativa sabiex il-lokalita’ tkun *dementia friendly*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi l-inzijativa kienet wahda tajba u kemm il-darba jkun possibbli il-Kunsill Lokali kellu jimplimentaha.

8.8.5 Il-Kunsilliera Melanie Agius u Noyah Spiteri Hammett poggew fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali proposta marbuta ma’ *domestic violence awareness*. Huma spjegaw kif kienu qieghdin jippjanaw programm ta’ tliet xhur li kien jinkludi *awareness campaign* gewwa l-iskejjel. Wara li l-istess Kunsilliera taw dettalji tal-kuncett, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kemm il-darba jkun possibbli il-proposti mressqa kellhom jigu implimentati.

8.8.7 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali attivitajiet u inzijativi li kien qieghed jipproponi ghax-xahar ta’ Lulju 2022. Is-Sur Agius zied jghid illi kien qieghed jipproponi illi l-Kunsill Lokali jtella’ programm muzikali fi Pjazza Paolino Vassallo nhar il-15 ta’ Lulju 2022 bil-kollaborazzjoni tal-Banda San Gorg. Wara diskussjoni libera gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jalloka s-somma ta’ Elf u hames mitt ewro ghall-attivita’ msemmija.
Is-Sur Agius zied jghid illi matul l-istess perjodu kien tal-ideja illi tittella’ attivita’ ghall-anzjani gewwa gnien il-familja. Wara diskussjoni qasira gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku u kemm il-darba jkun possibbli fil-gurnata

msemmija tinzamm quddies flimkien ma’ attivita’ zghira gewwa Gnien il-Familja ghall-anzjani.
Is-Sur Agius qal illi matul l-istess xahar kienu ser jinzammu celebrazzjonijiet marbuta ma’ centinarju tal-kolleggjata u kien hemm il-pjan illi tinhareg il-vara tal-qaddisa patruna ta’ Bormla. Huwa sahaq illi fir-rigward kien gie avvicinat u mitlub jassisti billi l-Kunsill Lokali jaghmel tajjeb ghal spejjez ta’ festoon matul ir-rotta. Wara diskussjoni libera, gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jikkommetti ruhu hekk kif propost.

F’dan l-istadju il-Kunsillier Johann Scerri ressaq proposta sabiex jizdied il-hin tas-seduta peress li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tal-istess seduta. Il-mozzjoni giet issekkonata mill-Kunsillier Martin Vella u ghaddiet b’votazzjoni unanima.

8.8.8 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tigi milqugha proposta sabiex tittella’ attivita’ ta’ kxif ta’ plakka f’gieh l-artist Joseph Casha.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi BCRS kienet identifikat sit gewwa Triq il-Gublew tal-Fidda ghall-progett Beverage Container Refund Scheme. Wara li inghataw dettalji, il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghall-proposta mressqa.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi accettat l-orhos fost l-istimi li kien ircieva l-Kunsill Lokali ghal xiri ta’ laptop bil-ghan illi jigi uzat mis-Sindku ghall-qadi ta’ dmirijietu.
- B’konnessjoni ma’ stimi li ingabru ghal fiming u editing ta’ progetti mwettqa mill-Kunsill Lokali, gie deciz illi l-istimi kellhom jintalbu ghal numru ta’ progetti u mhux ghal progett wiehed biss.
- Il-Kunsill Lokali qabel ma’ talba mressqa mil-librar tal-librerija pubblika tal-lokalita’ li kien ippropona li jinxtraw kotba ghal-librerija pubblika b’valur ta’ hames mitt ewro.

## 8.9 Assenjar ta’ Dekasteri lill-Kunsilliera

8.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi d-dekasteri tal-Kunsilliera ghal-bqija tal-legislatura kienu ser ikunu mqassma kif gej:

Marco Agius: Kultura, Attivitajiet, Jum Bormla, Infrastruttura, Progetti

Vici Sindku: Zaghzagh u tfal, EU Affairs, Edukazzjoni

Johann Scerri: Ordni Pubblika w Immaniggjar tat-Traffiku, Komunita’ Kummercjali, Innovazzjoni, Turizmu, Komunikajiet

Martin Vella: Indafa, Sports u Attivatijiet Fizici

James Cauchi: Harsien tal-Annimali

Melanie Agius: Sahha, Persuni bi Bzonnijiet Specjali, Qasam Socjali/Housing/Integrazzjoni Socjali

Rita Gatt: Anzjani/Anzjanita Attiva

**8.10 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

8.10.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-9:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-14 ta' Gunju 2022 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Ġunju, 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |